**QORTI CIVILI PRIM `AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 17**
**Rik. Nru.13/16 JZM**

**Daniela Galea Souchet (K.I. 0353070M)**

***kontra***

**Cleland & Souchet Limited (C-24996)**

***u***

**Richard Andrew Cleland (K.I. 0022014A) u Fabrizia Cleland (K.I. 0337071M) u Jean Galea Souchet (K.I. 0232067M) ghal kull interess li jista` jkollhom**

***u***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta` Jannar 2016 li jaqra hekk :–

*1) Illi s-socjeta` intimata, Cleland & Souchet Limited (C-24996), twaqqfet mill-intimati konjugi Fabrizia u Richard Cleland, flimkien mal-intimat Jean Galea Souchet, u giet registrata nhar il-11 ta` Awwissu 1999 b` 500 sehem Ordinarju illi minnhom 250 sehem kienu registrati f` isem l-intimat, Jean Galea Souchet, u 250 sehem f` isem Fabrizia Cleland (qabel Spaminato) ;*

*2) Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat, Jean Galea Souchet, fis-27 ta` Mejju 2000 u r-regim matrimonjali taghhom huwa dak tal-kommunjoni tal-akkwisti billi l-operazzjoni ta` dan ir-regim qatt ma giet eskluza mill-konjugi Galea Souchet ;*

*3) Illi wara z-zwieg tal-imsemmija konjugi Galea Souchet, u f` diversi stadji b`effett mit-30 ta` April 2003 `l quddiem, il-kapital mahrug, ossija issued share capital tal-imsemmija socjeta` Cleland & Souchet Limited zdied minn 500 sehem Ordinarju ghal 85,864 sehem Ordinarju illi huwa sottoskritt u registrat inkwantu ghal 21,466 sehem minn u f ` isem Fabrizia Cleland, 21,466 sehem minn u f` isem Richard Cleland u 42,932 sehem f ` isem l-intimat Jean Galea Souchet, b` mod illi mill-ishma registrati f ` ismu, mitejn u hamsin (250) sehem jappartjenu parafernalment lill-intimat Jean Galea Souchet, filwaqt illi r-rimanenti tnejn u erbghin elf, sitt mija u tnejn u tmenin (42,682) sehem iehor jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn ir-rikorrenti u l-imsemmi intimat zewgha ;*

*4) Illi kif jidher car mit-tqassim tal-ishma fl-istess kumpannija, l-intimat Jean Galea Souchet jikkontrolla l-hamsin fil-mija (50%) tal-ishma mahruga fl-imsemmija socjeta` Cleland & Souchet Limited mentri l-konjugi Cleland jikkontrollaw il-hamsin fil-mija (50%) l-iehor tal-ishma mahruga ;*

*5) Illi sal-10 ta` Gunju 2014, id-diretturi tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited kienu r-rikorrenti, zewgha u l-intimati Fabrizia u Richard Cleland ;*

*6) Illi minhabba d-dizgwid serju fiz-zwieg taghha mal-imsemmi intimat zewgha u wkoll wara pariri tal-familjari taghha, fl-10 ta` Gunju 2014 ir-rikorrenti baghtet tavza lir-Registratur tal-Kumpanniji illi hija kienet irrizenjat minn Direttur tas-socjeta` Cleland & Souchet Limited u ftit wara l-konjugi bdew jghixu separatament minn xulxin u r-rikorrenti bdiet proceduri ta` separazzjoni personali kontra l-intimat zewgha, Jean Galea Souchet, tant illi llum hemm kawza ta` separazzjoni numru 141/15 pendenti bejniethom fl-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ;*

*7) Illi fil-5 ta` Gunju 2015, l-intimat, Jean Galea Souchet, baghat javza lir-Registratur tal-Kumpanniji illi huwa kien irrizenja minn Direttur tas-socjeta` Cleland & Souchet Limited izda jidher illi huwa baqa` jzomm il-kariga ta` segretarju tal-kumpannija, b`mod illi llum id-diretturi tal-imsemmija kumpannija huma biss il-konjugi Fabrizia Cleland u Richard Cleland, ghad illi skont l-istatut tal-kumpannija jinhtieg illi jkun hemm minimu ta` erba` diretturi ;*

*8) Illi ghaliex ir-rizenja tal-imsemmi intimat Jean Galea Souchet grat minghajr avviz jew konsultazzjoni mar-rikorrenti, u ghaliex l-imsemmi Jean Galea Souchet baqa` regolarment jiffrekwenta l-ufficju u l-hwienet tal-kumpannija kif kien qabel ma rrizenja, u ghaliex l-istess intimat, Galea Souchet, kien matul il-konvivenza tal-kontendenti jinsisti illi r-rikorrenti qatt ma kellha sehem jew interess fl-imsemmija socjeta`, ir-rikorrenti bezghet illi r-rizenja ta` zewgha kien preludju ghal xi moviment fid-distribuzzjoni tal-ishma fil-kumpannija mahsuba biex il-valur tal-ishma tal-konjugi Galea Souchet, registrati kif inghid f`isem l-intimat Jean Galea Souchet, jigi degredat bil-hrug ta` ishma godda ;*

*9) Illi ghalhekk ir-rikorrenti talbet u otteniet il-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni numru 145/15 fl-ismijiet Daniela Galea Souchet vs Jean Galea Souchet illi bis-sahha tieghu l-intimat Jean Galea Souchet gie mizmum milli jaghti l-kunsens tieghu ghal zieda fil-kapital mahrug tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited ;*

*10) Illi l-intimat Jean Galea Souchet kien oppona ghall-hrug ta` dan il-mandat (u b`dan il-mod ta konferma tacita ghall-htiega tieghu) u fir-risposta tieghu (**Dokument A**) stqarr illi l-kumpannija " … ma ghandhiex mezzi ohra sabiex tiggenera l-fondi biex tkompli fl-operat taghha ghajr bil-modi (cioe` biz-zieda fil-kapital mahrug tal-kumpannija) illi r-rikorrenti*

*qeghda tipprova tinibixxi stante illi r-rikorrenti qeghda tirrifjuta li taghti l-kunsens taghha ghal kwalunkwe avvanzi mill-Bank". L-intimat Jean Galea Souchet sostna wkoll illi "... jekk ... Cleland & Souchet ma jkollhiex l-opportunita` li tibqa` zzid il-kapital taghha .... dan ser jkollu effett dizastruz fuq is-socjeta` illi naturalment ma tkunx tista` tkompli ssostni ruhha u l-operat taghha porzjoni" ;*

*11) Illi dawn l-allegazzjonijiet flimkien iressqu stampa ta` socjeta` illi hija dipendenti fuq finanzjament tal-azzjonisti taghha u tal-Banek sabiex tibqa` tiffunzjona u din l-istampa hija diametrikament opposta mar-realtajiet finanzjarji tal-istess socjeta` kif tafhom tajjeb ir-rikorrenti u kif ammessi mill-istess intimat u mill-azzjonisti l-ohra ;*

*12) Illi r-rikorrenti tirrileva illi fuq medda twila ta` snin, u ghad illi daqshekk ma jirrizultax mill-kotba tal-kumpannija jew tirrizulta biss porzjoni zghira tieghu, l-azzjonisti tal-istess kumpannija kienu jigbdu mill-flus tal-kumpannija somom kbar ta` flus. Il-flus hekk migbuda ma gewx dikjarati la bhala dividends, la bhala pagi u lanqas bhala self. Fil-fatt, il-flus eventwalment migbuda ma jidhru mkien fil-kotba tal-kumpannija bhala li qatt gew generati mill-istess kumpannija ;*

*13) Illi biex sar dana kollu, il-kumpannija Cleland & Souchet Limited ma zammetx il-kotba taghha bil-mod mahsub fil-ligi u kif rikjest minn prattici ta` accounts. Ix-xiri li kien isir mill-kumpannija ma kienx dokumentat b`mod ezawrienti, ma kienx hemm kontroll fuq l-istock tal-kumpannija u hafna mill-bejgh li kien isir ma kienx dokumentat ; Fuq daqshekk oltre milli tixhed l-istess rikorrenti, ir-rikorrenti sejra tressaq xhieda ohra ;*

*14) Illi ghar-rikorrenti dan il-fatt wahdu jfisser illi l-valur tal-gid taghha – konsistenti fl-ishma fis-socjeta` intimata – komunament ma` zewgha – minnha posseduti, qieghed jigi sistematikament imcekken billi z-zieda fil-valur tieghu qieghed jigi llegalment sottratt u mehud mill-intimati. Is-sitwazzjoni hija ferm aktar pregudizzjevoli minn daqshekk ghar-rikorrenti ;*

*15) Illi d-dejn bankarju tal-imsemmija kumpannija Cleland & Souchet Limited lejn Banif Bank (Malta) plc, ammontanti, sa fejn taf ir-rikorrenti, ghal madwar erba mitt elf ewro (€400,000), huwa zgurat u garantit*

*inter alia bil-garanzija personali tar-rikorrenti (flimkien ma` dik tal-azzjonisti l-ohra tal-kumpannija) u b` ipoteka specjali fuq id-dar taz-zwieg – l-appartament u l-garage spaces gewwa Portomaso – illi tappartjeni komunament lill-kontendenti konjugi Galea Souchet izda hija moghbija b` dejn ikkontrattat ma` Banif Bank (Malta) plc sabiex inxtrat, ammontanti ghal circa erba mija u ghoxrin elf ewro (€420,000). Inoltre, l-akkwist ta` dan l-appartament gie ffinanzjat bl-infieq tas-somma ta` madwar erba` mija u tmenin elf ewro (€480,000) generat mill-bejgh ta` propjeta` parafernali tal-esponenti. Maghduda flimkien, id-dejn bankarju tal-konjugi Galea Souchet – dak tal-house loan fuq imsemmi, garantit fuq l-imsemmi appartament, u d-dejn bankarju tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited ukoll garantit fuq l-imsemmi appartament – iqarrbu sew l-valur tal-istess appartament, jekk mhux addirittura jecceduh b` mod illi f` kaz tal-bejgh tal-appartment ghall-hlas ta` dan id-dejn bankarju – illi jista` allura jigi pprecipitat mill-qaghda ekonomika hazina tal-kumpannija – ir-rikorrenti titlef mhux biss il-valur tal-ishma fl-istess kumpannija, izda wkoll l-appartament taghha u kull possibilita` tal-hlas, ossija radd lura, lilha tal-kreditu parafernali taghha ;*

*16) Illi dan it-taghrif dwar l-appartament, id-dejn li jghabbieh u l-provenjenza tal-finanzjament tal-flus ghax-xiri tieghu, qieghed jinghata lill-Qorti sabiex tinghata stampa aktar cara dwar l-intensita` tal-interess tar-rikorrenti fis-sahha ekonomika tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited billi, oltre l-interess dirett taghha bhala azzjonist, ir-rikorrenti tista` litteralment titlef il-gid kollu taghha jekk, permezz tal-prattici msemmija aktar `l fuq f` dan ir-rikors, il-gid appartenenti lill-kumpannija jitnaqqas tant illi l-bank kreditur imexxi ghall-hlas tad-dejn dovut lilu mill-kumpannija u jaghzel illi jezegwixxi l-kreditu pagabbli lilu fuq il-propjeta` tal-konjugi Galea Souchet ;*

*17) Illi r-rikorrenti qeghda ukoll tibza` illi, appuntu sabiex jigu skartati d-drittijiet taghha, il-kumpannija qeghda gradwalment tispostja n-negozju taghha favur kumpannija ohra ;*

*18) Illi minn daqshekk huwa evidenti, u ghandu fil-kors tal-kawza jsir aktar evidenti, illi l-affarijiet tal-imsemmija kumpannija qed jitmexxew, jew aktarx jitmexxew, b` mod li huma, jew x` aktarx se jkunu, oppressivi b` mod mhux gust jew diskriminatorji kontra, jew b` mod mhux gust ta` pregudizzju, ghar-rikorrenti u hemm lok ghall-ghoti tal-ordnijiet minn dina l-Onorabbli Qorti skont kif mahsub mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha :-*

*a) ixxolji l-kumpannija Cleland & Souchet Limited u tipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*b) sussidjarjament u jekk hekk jidhrilha xieraq, taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet illi jkunu jidhru xierqa lilha sabiex jirregolaw it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited fil-futur, b` mod partikolari izda mhux ezawrienti, dawk l-ordnijiet illi huma mehtiega sabiex :-*

*a. b`effett immedjat jigi korrettament u metodikament dokumentat ix-xiri, il-bejgh u l-istock attwali tal-imsemmija kumpannija ;*

*b. jigi storikament dokumentat ix-xiri, il-bejgh u, sa fejn possibbli, l-istock attwali fuq dak il-periodu ta` zmien illi jigi hekk stabbilit mill-Qorti ;*

*c. jirrestringu u jipprojbixxu l-ghemil ta` xi att illi bis-sahha tieghu s-sehem ta` nofs tal-ishma mahruga tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited detenuti mill-konjugi Galea Souchet, jigi b`liema mod ikun ridott, sew billi jinhargu ishma ohra u kif ukoll billi jinbidlu d-drittijiet tal-azzjonisti permezz ta` tibdil fl-istatut tal-kumpannija ; u*

*d. tnehhi mill-hatra taghhom l-awdituri prezenti tal-kumpannija Cleland & Souchet Limited u tahtar minflok l-imsemmija awdituri, persuni illi jgawdu l-fiducja tal-Qorti u li jkunu fi grad iqisu illi l-affarijiet tal-imsemmija kumpannija jitmexxew kif trid il-ligi u li l-kotba tal-kumpannija jkunu jirriflettu korrettament il-qaghda ekonomika tal-istess kumpannija.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument li kien prezentat mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Registratur tal-Kumpanniji fl-4 ta` Frar 2016 li taqra hekk :–

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-proceduri odjerni, partikolarment in kwantu ghall-fatt jekk il-kumpannija in kwistjoni timmeritax illi tigi xolta taht l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji l-esponent Registratur tal-Kumpanniji jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta` din l-Onorabbli Qorti peress illi mhuwiex edott mill-fatti kollha dikjarati mill-attrici.*

*Illi l-konvenut ihoss li l-uniku interess tieghu f`din il-kawza ghandu jikkoncerna dak li ghandu x`jaqsam mal-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpanniji, kif mitlub mil-ligi, partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti li jkunu mehtiega li jigu konsenjati jew notifikati lilu ghar-registrazzjoni skont xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi f`dan il-kaz, ir-Registratur ihoss illi ma kellux ikun wiehed mil-legittimi kontraditturi fil-proceduri odjerni. Dan meta wiehed jikkunsidra l-fatt illi jidher ic-car illi l-bazi ta` dan il-kaz huwa disgwid intern u personali bejn il-partijiet komponenti tal-kumpannija.*

*Illi r-rikorrenti fit-talbiet taghha fir-rikors promotur lanqas biss issemmi l-esponent. Dan ghax taf illi r-Registratur skont l-Att kulma jista` jaghmel huwa li jirregistra kwalunkwe ordni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun. Ghaldaqstant f`dan il-kaz huwa biss ricevitur tal-eventwali decizjoni jew ordni ta` din l-Onorabbli Qorti illi huwa jkun obbligat illi jirregistra skont l-Att.*

*Illi l-konvenut m`ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati Richard Andrew u Fabrizia konjugi Cleland fil-11 ta` Frar 2016 li taqra hekk :–

*1) Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m`ghandiex il-locus standi necessarju fl-azzjoni proposta stante li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 402*

*hu moghti biss lill-membru ta` kumpannija u r-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala "membru"` tas-socjeta` Cleland and Souchet ai termini tal-Arikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement mhijiex intitolata tippromwovi din l-azzjoni skont l-istess Artikolu ;*

*2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz li din il-Qorti ssib li l-ewwel eccezzjoni tal-esponenti mhux korretta, jinghad illi l-interess tal-attrici huwa wiehed indirett stante illi jekk semmai jinstab illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, mhumiex danni sofferti minnha izda minn Cleland & Souchet Ltd li semmai, tramite rimedji legislattivi disponibbli ghall-istess attrici, ghandha tibda hi l-procedura appozita.*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit u fil-mertu jinghad illi assolutament mhux minnu dak allegat mir-rikorrenti, ossia illi s-socjeta` Cleland & Souchet Ltd qed titmexxa b`mod oppressiv, mhux gust jew diskriminatorju kontra, jew b` mod gust ta` pregudizzju, ghar-rikorrenti u ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet qed jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt. Anzi – huwa proprju bil-kontra, illi l-azzjonijiet maghmula mir-rikorrenti qed jikkawzaw danni serji mhux biss lis-socjeta` intimata imma wkoll lill-esponenti.*

*4) Illi din il-kawza hija wahda frivola u vessatorja ntavolata mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati b` abbuz sfaccat tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 403 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta Malta li huwa rimedju intiz sabiex jaghti protezzjoni lill-membri ta` socjeta` li fiha l-membri l-ohrajn, generalment il-maggoranza, tkun qed topprimihom jew tarrekalhom dannu. L-ampjezza ta` dak ir-rimedju hija ntiza mil-legislatur sabiex tipprovdi firxa wiesgha ta` rimedji lil min ikun verament oppress u mhux sabiex, bil-kontra l-Artikolu 402 innifsu jintuza malizzjozament u abbuzivament bhala strument ta` oppressjoni halli l-proceduri fil-Qrati joholqu piz enormi fuq l-intimat/i u fl-ahhar iwasslu sabiex ir-rikorrenti tiehu dak kollu li talbet fil-proceduri ta` separazzjoni li hemm ghaddejjin bejnha u bejn l-intimat Jean Galea Souchet sabiex tipprova timponi r-rieda taghha permezz tal-proceduri fejn ma tistax tasal bi qbil jew b` ordni tal-Qorti, u dan anke jekk mat-triq thammeg u tiddigenera bl-addocc lill-intimat/i u tkisser il-kumpannija li taghha qed tallega li hi membru u li fiha llum ma fadlilha l-ebda interess ghajr li teqridha kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif hi stess diga` uriet li ghandha l-intenzjoni li taghmel.*

*5) Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta` intimata titmexxa skont il-ligi, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u b` rizultati ottimi u ghalhekk fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hi kompletament minghajr bazi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 tal-Kap 386 kif invokat mir-rikorrenti ghandu jigi applikat u dan ghas-segwenti ragunijiet :-*

*i) Kieku l-esponenti ma jafux fejn trid tasal ir-rikorrenti, difficli li wiehed jifhem b`mod logiku u koerenti x`inhuwa ezattament il-pregudizzju li sofriet jew allegatament qed issofri r-rikorrenti, u ghaliex din il-kawza fuq fatti ex admissis daqsekk qodma qed titressaq illum.*

*ii) Illi fil-fatt ir-rikorrenti stess ammettiet li l-intenzjoni taghha mhijiex dik li zzomm il-kumpannija b`sahhitha, izda li tkissirha u dan sabiex tkisser lil zewgha li minn mieghu bhalissa ghaddejja minn process ta` separazzjoni.*

*iii) Illi fil-mertu, kif jirrizulta wkoll mir-rikors odjern, ir-rikorrenti kienet addirittura tippartecipa b`mod attiv fin-negozju tas-socjeta` Cleland and Souchet Ltd u kienet direttrici hi stess tal-istess kumpannija sal-10 ta` Gunju 2014 u ghalhekk kellha d-diskrezzjoni u r-responsabbilita` li tiddeciedi hi bhala direttrici jekk il-kontijiet finanzjarji u l-kotba tal-kumpannija humiex korretti.*

*iv) Illi mhuwiex assolutament minnu dak li jinghad f`paragrafu 11 tar-rikors odjern fejn intqal illi l-allegazzjonijiet imressqa mill-intimat Jean Galea Souchet fi proceduri ohra "iressqu stampa ta` socjeta` illi hija dipendenti fuq finanzjament tal-azzjonijisti taghha u tal-Banek sabiex tibqa tiffunzjona u din l-istampa hija diamterikament opposta mar-realtajiet finanzjarji tal-istess socjeta` kif tafhom tajjeb ir-rikorrenti u kif ammessi mill-istess intimat u mill-azzjonisti l-ohra" u dan ghaliex certament li dan il-fatt qatt ma gie ammess minn ebda azzjonist tal-kumpannija, anzi huwa ovvju li l-kumpannija tirrikjedi ghajnuna finanzjarja sabiex tlahhaq mad-domanda ta` xoghol skont l-istagun tas-sena.*

*v) Illi fir-rigward ta` paragrafu 12, din hija gidba doppja, dik tar-rikorrenti, u fil-fatt jinghad illi l-kotba tal-kumpannija jaghtu riflessjoni perfetta u kull darba li azzjonist 'ġibed' mill-flus tal-kumpannija dejjem gew dikjarati fil-kotba tal-kumpannija bl-obbligu da parti tal-azzjonisti li jhallsu lura l-istess somma, u dan kif taf ben tajjeb ir-rikorrenti li qed taghmel allegazzjonijiet foloz u vessatorji ghaliex kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza mhux talli dawn it-transazzjonijiet huma kollha dokumentati izda talli hi stess obbligata li thallas lura porzjon mis-somma dovuta lill-kumpannija.*

*vi) Illi fir-rigward ta` paragrafu 13 jinghad li din ukoll hija allegazzjoni inveritjiera ghaliex il-kotba tal-kumpannija kif ukoll il-kontrolli fuq l-istock inzammu dejjem skont il-ligi u kif rikjest minn prattici ta` accounts ghas-sodisfazzjon tal-awdituri, tal-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpannija, u dan ukoll kif tafu ben tajjeb ir-rikorrenti li ghamlet tlettax –il sena direttrici tal-istess kumpannija u jekk jezisti xi tip ta` dubju dwar dan il-fatt, jezisti biss fis-sezzjoni li ghalih kienet responsabbli unikament r-rikorrenti, ossia dak tar-'retail sales' u huwa minhabba traskuragni u n-nuqqas ta` responsabbilta` taghha li seta` kien hemm ir-riskju li l-affarijiet ma sarux sewwa.*

*vii) Illi fir-rigward ta` paragrafu 14 jinghad li mhux minnu li l-valur tal-gid taghha qieghed jigi sistematikament imcekken u dan ghaliex il-valur tal-kumpannija huwa dikjarat b`mod preciz u fil-fatt zdied fis-sentejn ta` wara r-rizenja tar-rikorrenti u huwa inkoncepibbli li r-rikorrenti qed titlob ix-xoljiment ta` kumpannija li qed tigi amministrata b`tant dedikazzjojni jekk wiehed ma jifhimx il-motif ulterjuri tar-rikorrenti, li mhu xejn hlief li tkisser il-kumpannija u r-reputazzjoni taghha sabiex tkompli tkisser lill-intimat Jean Galea Souchet.*

*viii) Illi fir-rigward ta` paragrafu 15 jinghad illi dak li qed tghid ir-rikorrenti huwa konfliggenti ma` dak li qalet precedentament fl-istess rikors ghaliex fejn qabel qalet li l-kumpannija qeghda f'pozizzjoni finanzjarja b`sahhita tant li ma jigux registrati l-loans tal-azzjonisti sabiex tissodisfa l-allegazzjonjiet foloz taghha, issa qed tghid li jekk tinbiegh id-dar matrimonjali taghha ma jkunx hemm rikavat bizzejjed biex jissodisfa d-dejn bankarju tal-kumpannija. Ta` min jghid li l-uniku konsistenza fl-argumenti tar-rikorrenti huwa li tiehu l-pozizzjoni li biha tista` tikkawza l-aktar hsara lill-kumpannija u lill-azzjonisti taghha. Ir-realta` hija li l-kumpannija bniet relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom u dejjem issodisfat l-obbligi kollha, b`dan illi d-dejn qieghed dejjem jonqos b`mod regolari u l-uniku riskju li ghandha l-kumpannija hu li ssir hsara kbira lir-reputazzjoni taghha bl-agir malizzjuz tar-rikorrenti li bihom trid li timpedixxi li l-kumpannija tikkonduci l-operat taghha b`mod normali.*

*ix) Illi fir-rigward ta` paragrafu 16 ghal darb` ohra jigi ribadit illi l-kumpannija ghandha relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom, u ma hemm ebda riskju illi dawn imexxu ghall-hlas tad-dejn dovut, specjalment meta wiehed iqis illi s-self bankarju ser jinqata fl-4 snin li gejjin.*

*x) Illi fir-rigward ta` paragrafu numru 17 jinghad li din ukoll hija dikjarazzjoni kompletament falza u dan ghaliex il-kumpannija ma spustjat ebda negozju favur ebda kumpannija ohra, u ghadha fil-fatt izzomm id-ditti kollha li kellha. Anzi, addirittura il-kumpannija qeghda issa tirrapprezenta numru akbar ta` ditti u ziedet ukoll il-bejgh taghha sforz l-ghaqal fit-tmexxija tal-azzjonisti u diretturi prezenti, minkejja kull tentattiv fieragh da parti tar-rikorrenti sabiex twaqqaf u tkisser kompletament l-operat tal-kumpannija.*

*6) Illi dawn il-fatti ser jigu kkonfermati u elaborati fil-mument opportun fil-kors ta din il-kawza.*

*7) Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-intimati qed jikkontestaw bil-qawwa kollha dak kollu allegat mir-rikorrenti ghaliex hi stess taf ben tajjeb kif kienet titmexxa din is-socjeta`, ta` min jghid li fi kwalunkwe kaz anke jekk jigi (li ma jistax jigi) ppruvat dak li qed tghid hi, certament din mhi prova xejn li timmerita talba ghax-xoljiment tal-kumpannija meta qeghda fi stat tant tajjeb u meta hemm intendiment perfett bejn il-membri taghha fuq kif ghandha tibqa titmexxa l-kumpannija.*

*8) Illi t-talba tar-rikorrenti ghax-xoljiment tal-kumpannija minnha stess turi xinhi l-intenzjoni tar-rikorrenti ghaliex certament li dan ix-xoljiment ikun ta` detriment ghal kulhadd specjalment ghaliha, izda kif diga` gie spjegat u kif ser jigi ppruvat, l-interess tar-rikorrenti mhuwiex dak li thares il-jeddijiet taghha izda trid biss teqred lil zewgha Jean Galea Souchet u kwalunkwe sforz li huwa ghamel biex ikabbar dan in-negozju tul dawn l-ahhar hmistax–il sena.*

*9) Illi wkoll ghar-ragunijiet kollha premessi, it-tieni talba (b) tar-rikors odjern, hija talba superfluwa u nsostenibbli hekk kif il-kumpannija Cleland and Souchet Ltd diga` tiddokumenta x-xiri, l-bejgh u l-istock taghha filwaqt li r-restrizzjoni permezz ta` xi att li tnaqqas is-sehem ta` nofs l-ishma fil-kumpannija tal-konjugi Galea Souchet tista` tikkawza pregudizzju serju lill-kumpannija ghaliex tista` ttellef opportunitajiet importanti lill-kumpannija sabiex tkompli tikber u tikkapitalizza minn zviluppi godda li jistghu jinholqu, u ghalhekk ghandhom ukoll jigu michuda.*

*10) Illi fir-rigward tat-talba sabiex jitnehhew l-awdituri tal-kumpannija jinghad illi l-awdituri prezenti dejjem ghamlu xogholhom b`reqqa u bi professjonalita` kbira, huma ditta stabbilita u jgawdu rispett ta` hafna klijenti u professjonisti ohrajn, u fil-fatt jaqdu hafna socjetajiet kbar f`Malta u huma r-rapprezentanti lokali ta` wiehed mill-akbar sitt ditti ta` awdituri fid-dinja u ghalhekk din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.*

*11) Illi jinghad ukoll illi l-esponenti Richard u Fabrizia Cleland ghandhom interess hafna iktar b`sahhtu fil-qaghda finanzjarja tal-kumpannija milli ghandha r-rikorrenti u dan ghaliex huma qed joffru hafna aktar bhala garanzija ghad-dejn bankarju tal-kumpannija Cleland and Souchet Ltd b`dan illi f`kaz li d-dejn ma jithallasx, ikollhom wisq aktar x`jitilfu mir-rikorrenti u ghalhekk baqghu u ser jibqghu jahdmu bil-ghaqal fl-ahjar interessi tal-kumpannija u tal-azzjonisti kollha taghha u dan kif jirrizulta minn dak kollu li sar f`dawn l-ahhar snin fit-tmexxija tal-kumpannija.*

*12) Illi ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*13) Salv risposti ulterjuri.*

*14) Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda mill-intimati konjugi Cleland.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat Jean Galea Souchet fid-<u>29 ta` Frar 2016</u> li taqra hekk :–

*1) Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m `ghandiex il-locus standi necessarju fl-azzjoni proposta stante li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 402 hu moghti biss lil membru ta` kumpannija u r-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala `membru ` tas-socjeta` Cleland and Souchet ai termini tal-Arikolu 402*

*tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement mhijiex intitolata tippromwovi din l-azzjoni skont l-istess Artikolu.*

*2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz li din il-Qorti ssib li l-ewwel eccezzjoni tal-esponenti mhux korretta, jinghad illi l-interess tal-attrici huwa wiehed indirett stante illi jekk semmai jinstab illi l-alleggazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, mhumiex danni sofferti minnha izda minn Cleland & Souchet Ltd li semmai, tramite rimedji legislattivi disponibbli ghall-istess attrici, ghandha tibda hi l-procedura appozita.*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit u fil-mertu jinghad illi assolutament mhux minnu dak allegat mir-rikorrenti, ossia illi s-socjeta` Cleland & Souchet Ltd qed titmexxa b`mod oppressiv, mhux gust jew diskriminatorju kontra, jew b`mod gust ta` pregudizzju, ghar-rikorrenti u ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet qed jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Anzi – huwa proprju bil-kontra, illi l-azzjonijiet maghmula mir-rikorrenti qed jikkawzaw danni serji mhux biss lis-socjeta` intimata imma wkoll lill-esponenti.*

*4) Illi din il-kawza hija wahda frivola u vessatorja ntavolata mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati b`abbuz sfaccat tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta Malta li huwa rimedju intiz sabiex jaghti protezzjoni lill-membri ta` socjeta li fiha l-membri l-ohrajn, generalment il-maggoranza, tkun qed topprimihom jew tarrekalhom dannu. L-ampjezza ta` dak ir-rimedju hija ntiza mil-legislatur sabiex tipprovdi firxa wiesgha ta` rimedji lil min ikun verament oppress u mhux sabiex, bil-kontra l-Artikolu 402 innifsu jintuza malizzjozament u abbuzivament bhala strument ta` oppressjoni halli l-proceduri fil-Qrati joholqu piz enormi fuq l-intimat/i u fl-ahhar iwasslu sabiex ir-rikorrenti tiehu dak kollu li talbet fil-proceduri ta` separazzjoni li hemm ghaddejin bejnha u bejn l-esponent sabiex tipprova timponi r-rieda taghha permezz tal-proceduri fejn ma tistax tasal bi qbil jew b`ordni tal-Qorti, u dan anke jekk mat-triq thammeg u tiddigenera bl-addocc lill-intimat/i u tkisser il-kumpannija li taghha qed tallega li hi membru u li fiha llum ma fadlilha l-ebda interess ghajr li teqridha kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif hi stess diga` uriet li ghandha l-intenzjoni li taghmel.*

*5) lli kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta` intimata titmexxa skont il-ligi, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u*

*b`rizultati ottimi u ghalhekk fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hi kompletament minghajr bazi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 tal-Kap 386 kif invokat mir-rikorrenti ghandu jigi applikat u dan ghas-segwenti ragunijiet :-*

*i) Kieku l-esponenti ma jafx fejn trid tasal ir-rikorrenti, difficli li wiehed jifhem b`mod logiku u koerenti x`inhuwa ezattament il-pregudizzju li sofriet jew allegatament qed issofri r-rikorrenti, u ghaliex din il-kawza fuq fatti ex admissis daqsekk qodma qed titressaq illum.*

*ii) Illi fil-fatt ir-rikorrenti stess ammettiet li l-intenzjoni taghha mhijiex dik li zzomm il-kumpannija b`sahhita, izda li tkissirha u dan sabiex tkisser lill-esponenti zewgha li minn mieghu bhalissa ghaddejja minn process ta` separazzjoni.*

*iii) Illi fil-mertu, kif jirrizulta wkoll mir-rikors odjern, ir-rikorrenti kienet addirittura tippartecipa b`mod attiv fin-negozju tas-socjeta` Cleland and Souchet Ltd u kienet direttrici hi stess tal-istess kumpannija sal-10 ta` Gunju 2014 u ghalhekk kellha d-diskrezzjoni u r-responsabbilita` li tiddeciedi hi bhala direttrici jekk il-kontijiet finanzjarji u l-kotba tal-kumpannija humiex korretti.*

*iv) Illi mhuwiex assolutament minnu dak li jinghad f `paragrafu 11 tar-rikors odjern fejn intqal illi l-allegazzjonijiet imressqa mill-intimat Jean Galea Souchet fi proceduri ohra "iressqu stampa ta` socjeta` illi hija dipendenti fuq finanzjament tal-azzjonijisti taghha u tal-Banek sabiex tibqa tiffunzjona u din l-istampa hija diamterikament opposta mar-realtajiet finanzjarji tal-istess socjeta` kif tafhom tajjeb ir-rikorrenti u kif ammessi mill-istess intimat u mill-azzjonisti l-ohra" u dan ghaliex certament li dan il-fatt qatt ma gie ammess minn ebda azzjonist tal-kumpannija, anzi huwa ovvju li l-kumpannija tirrikjedi ghajnuna finanzjarja sabiex tlahhaq mad-domanda ta` xoghol skont l-istagun tas-sena.*

*v) Illi fir-rigward ta` paragrafu 12, din hija gidba doppja, dik tar-rikorrenti, u fil-fatt jinghad illi l-kotba tal-kumpannija jaghtu riflessjoni perfetta u kull darba li azzjonist 'ġibed' mill-flus tal-kumpannija dejjem gew dikjarati fil-kotba tal-kumpannija bl-obbligu da parti tal-azzjonisti li jhallsu lura l-istess somma, u dan kif taf ben tajjeb ir-rikkorrenti li qed taghmel allegazzjonijiet foloz u vessatorji ghaliex kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza mhux talli dawn it-transazzjonijiet huma kollha dokumentati izda talli* ***hi stess*** *obbligata li thallas lura porzjon mis-somma dovuta lill-kumpannija.*

*vi) Illi fir-rigward ta` paragrafu 13 jinghad li din ukoll hija allegazjoni inveritjiera ghaliex il-kotba tal-kumpannija kif ukoll il-kontrolli fuq l-istock nzammu dejjem skont il-ligi u kif rikjest minn prattici ta` accounts ghas-sodisfazzjoni tal-awdituri, tal-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpannija, u dan ukoll kif tafu ben tajjeb ir-rikorrenti li ghamlet tlettax–il sena direttrici tal-istess kumpannija u jekk jezisti xi tip ta` dubju dwar dan il-fatt, jezisti biss fis-sezzjoni li ghalih kienet responsabbli unikament ir-rikorrenti, ossia dak tar-`retail sales` u huwa minhabba traskuragni u n-nuqqas ta` responsabbilta` taghha li seta` kien hemm ir-riskju li l-affarijiet ma sarux sewwa.*

*vii) Illi fir-rigward ta` paragrafu 14 jinghad li mhux minnu li l-valur tal-gid taghha qieghed jigi sistematikament imcekken u dan ghaliex il-valur tal-kumpannija huwa dikjarat b`mod preciz u fil-fatt zdied fis-sentejn ta` wara r-rizenja tar-rikorrenti u huwa nkoncepibbli li r-rikorrenti qed titlob ix-xoljiment ta` kumpannija li qed tigi amministrata b`tant dedikazzjoni jekk wiehed ma jifhimx il-motif ulterjuri tar-rikorrenti, li mhu xejn hlief li tkisser il-kumpannija u r-reputazzjoni taghha sabiex tkompli tkisser lill-esponenti Jean Galea Souchet.*

*viii) Illi fir-rigward ta` paragrafu 15 jinghad illi dak li qed tghid ir-rikorrenti huwa kunfliggenti ma` dak li qalet precedentament fl-istess rikors ghaliex fejn qabel qalet li l-kumpannija qeghda f`pozizzjoni finanzjarja b`sahhita tant li ma jigux registrati l-loans tal-azzjonisti sabiex tissodisfa l-allegazzjonjiet foloz taghha, issa qed tghid li jekk tinbiegh id-dar matrimonjali taghha ma jkunx hemm rikavat bizzejjed biex jissodisfa d-dejn bankarju tal-kumpannija. Ta` min jghid li l-uniku konsistenza fl-argumenti tar-rikorrenti huwa li tiehu l-pozizzjoni li biha tista` tikkawza l-aktar hsara lill-kumpannija u lill-azzjonisti taghha. Ir-realta` hija li l-kumpannija bniet relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom u dejjem issodisfat l-obbligi kollha, b`dan illi d-dejn qieghed dejjem jonqos b`mod regolari u l-uniku riskju li ghandha l-kumpannija hu li ssir hsara kbira lir-reputazzjoni taghha bl-agir malizzjuz tar-rikorrenti li bihom trid li timpedixxi li l-kumpannija tikkonduci l-operat taghha b`mod normali.*

*ix) Illi fir-rigward ta` paragrafu 16 ghal darb` ohra jigi ribadit illi l-kumpannija ghandha relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom, u ma hemm ebda riskju illi dawn imexxu ghall-hlas tad-dejn dovut, specjalment meta wiehed iqis illi s-self bankarju ser jinqata fl-4 snin li gejjin.*

*x) Illi fir-rigward ta` paragrafu numru 17 jinghad li din ukoll hija dikjarazzjoni kompletament falza u dan ghaliex il-kumpannija ma spustjat ebda negozju favur ebda kumpannija ohra, u ghadha fil-fatt izzomm id-ditti kollha li kellha. Anzi, addirittura il-kumpannija qeghda issa tirrapprezenta*

*numru akbar ta` ditti u ziedet ukoll il-bejgh taghha sforz l-ghaqal fit-tmexxija tal-azzjonisti u diretturi prezenti, minkejja kull tentattiv fieragh da parti tar-rikorrenti sabiex twaqqaf u tkisser kompletament l-operat tal-kumpannija.*

*6) Illi dawn il-fatti ser jigu kkonfermati u elaborati fil-mument opportun fil-kors ta` din il-kawza.*

*7) Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-intimat qed jikkontesta bil-qawwa kollha dak kollu allegat mir-rikorrenti ghaliex hi stess taf ben tajjeb kif kienet titmexxa din is-socjeta`, ta` min jghid li fi kwalunkwe kaz anke jekk jigi (li ma jistax jigi) ppruvat dak li qed tghid hi, certament din mhi prova xejn li timmerita talba ghax-xoljiment tal-kumpannija meta qeghda fi stat tant tajjeb u meta hemm intendiment perfett bejn il-membri taghha fuq kif ghandha tibqa titmexxa l-kumpannija.*

*8) Illi t-talba tar-rikorrenti ghax-xoljiment tal-kumpannija minnha stess turi x`inhi l-intenzjoni tar-rikorrenti ghaliex certament li dan ix-xoljiment ikun ta` detriment ghal kulhadd* ***specjalment ghaliha****, izda kif diga` gie spjegat u kif ser jigi ppruvat, l-interess tar-rikorrenti mhuwiex dak li thares il-jeddijiet taghha izda trid biss teqred lill-esponent u kwalunkwe sforz li huwa ghamel biex ikabbar dan in-negozju tul dawn l-ahhar hmistax –il sena.*

*9) Illi wkoll ghar-ragunijiet kollha premessi, it-tieni talba (b) tar-rikors odjern, hija talba superfluwa u insostenibbli hekk kif il-kumpannija Cleland and Souchet Ltd diga` tiddokumenta x-xiri, l-bejgh u l-istock taghha filwaqt li r-restrizzjoni permezz ta` xi att li tnaqqas s-sehem ta` nofs l-ishma fil-kumpannija tal-konjugi Galea Souchet tista` tikkawza pregudizzju serju lill-kumpannija ghaliex tista` ttellef opportunitajiet importanti lill-kumpannija sabiex tkompli tikber u tikkapitalizza minn zviluppi godda li jistghu jinholqu, u ghalhekk ghandhom ukoll jigu michuda.*

*10) Illi fir-rigward tat-talba sabiex jitnehhew l-awdituri tal-kumpannija jinghad illi l-awdituri prezenti dejjem ghamlu xogholhom b`reqqa u bi professjonalita` kbira, huma ditta stabbilita u jgawdu rispett ta` hafna klijenti u professjonisti ohrajn, u fil-fatt jipprovdu s-servizzi taghhom lil hafna socjetajiet kbar f`Malta u huma r-rapprezentanti lokali ta` wiehed mill-akbar sitt ditti ta` awdituri fid-dinja u ghalhekk din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.*

*11) Illi ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*12) Salv risposti ulterjuri.*

*13) Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimat Jean Galea Souchet.

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata Cleland & Souchet Ltd fis-7 ta` Marzu 2016 li taqra hekk :–

*1) Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m`ghandhiex il-locus standi necessarju fl-azzjoni proposta stante li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 402 hu moghti biss lill-membru ta` kumpannija u r-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala `membru ` tas-socjeta` Cleland and Souchet ai termini tal-Arikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement mhijiex intitolata tippromwovi din l-azzjoni skont l-istess Artikolu.*

*2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz li din il-Qorti ssib li l-ewwel eccezzjoni tal-esponenti mhux korretta, jinghad illi l-interess tal-attrici huwa wiehed indirett stante illi jekk semmai jinstab illi l-alleggazzjonijiet tar-rikorrenti huma fondati, mhumiex danni sofferti minnha izda minn Cleland & Souchet Ltd li semmai, tramite rimedji legislattivi disponibbli ghall-istess attrici, ghandha tibda hi l-procedura appozita.*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit u fil-mertu jinghad illi assolutament mhux minnu dak allegat mir-rikorrenti, ossia illi s-socjeta` Cleland & Souchet Ltd qed titmexxa b`mod oppressiv, mhux gust jew diskriminatorju kontra, jew b`mod gust ta` pregudizzju, ghar-rikorrenti u ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet qed jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Anzi – huwa proprju bil-kontra, illi l-azzjonijiet maghmula mir-rikorrenti qed jikkawzaw danni serji mhux biss lis-socjeta` esponenti imma wkoll lill-intimati.*

*4) Illi kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta` intimata titmexxa skont il-ligi, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u b`rizultati ottimi u ghalhekk fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hi kompletament minghajr bazi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 tal-Kap 386 kif invokat mir-rikorrenti ghandu jigi applikat.*

*5) Illi fil-mertu, kif jirrizulta wkoll mir-rikors odjern, ir-rikorrenti kienet addirittura tippartecipa b`mod attiv fin-negozju tas-socjeta` Cleland and Souchet Ltd u kienet direttrici hi stess tal-istess kumpannija sal-10 ta` Gunju 2014 u ghalhekk kellha d-diskrezzjoni u r-responsabbilita` li tiddeciedi hi bhala direttrici jekk il-kontijiet finanzjarji u l-kotba tal-kumpannija humiex korretti.*

*6) Illi mhuwiex assolutament minnu dak li jinghad f`paragrafu 11 tar-rikors odjern fejn intqal illi l-allegazzjonijiet imressqa mill-intimat Jean Galea Souchet fi proceduri ohra "iressqu stampa ta` socjeta` illi hija dipendenti fuq finanzjament tal-azzjonijisti taghha u tal-Banek sabiex tibqa tiffunzjona u din l-istampa hija diamterikament opposta mar-realtajiet finanzjarji tal-istess socjeta` kif tafhom tajjeb ir-rikorrenti u kif ammessi mill-istess intimat u mill-azzjonisti l-ohra" u dan ghaliex certament li dan il-fatt qatt ma gie ammess minn ebda azzjonist tal-kumpannija, anzi huwa ovvju li l-kumpannija tirrikjedi ghajnuna finanzjarja sabiex tlahhaq mad-domanda ta` xoghol skont l-istagun tas-sena.*

*7) Illi fir-rigward ta` paragrafu 12, din hija gidba doppja, dik tar-rikorrenti, u fil-fatt jinghad illi l-kotba tal-kumpannija jaghtu riflessjoni perfetta u kull darba li azzjonist `**ġ**ibed ` mill-flus tal-kumpannija dejjem gew dikjarati fil-kotba tal-kumpannija bl-obbligu da parti tal-azzjonisti li jhallsu lura l-istess somma, u dan kif taf ben tajjeb ir-rikkorrenti li qed taghmel allegazzjonijiet foloz u vessatorji ghaliex kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza mhux talli dawn it-transazzjonijiet huma kollha dokumentati izda talli **hi stess** obbligata li thallas lura porzjon mis-somma dovuta lill-kumpanija.*

*8) Illi fir-rigward ta` paragrafu 13 jinghad li din ukoll hija allegazjoni inveritjiera ghaliex il-kotba tal-kumpannija kif ukoll il-kontrolli fuq l-istock nzammu dejjem skont il-ligi u kif rikjest minn prattici ta` accounts*

*ghas-sodisfazzjoni tal-awdituri, tal-azzjonisti u d-diretturi tal-kumpannija, u dan ukoll kif tafu ben tajjeb ir-rikorrenti li ghamlet tlettax –il sena direttrici tal-istess kumpannija u jekk jezisti xi tip ta` dubju dwar dan il-fatt, jezisti biss fis-sezzjoni li ghalih kienet responsabbli unikament ir-rikorrenti, ossia dak tar-'retail sales' u huwa minhabba traskuragni u n-nuqqas ta` responsabbilta` taghha li seta` kien hemm ir-riskju li l-affarijiet ma sarux sewwa;*

*9) Illi fir-rigward ta` paragrafu 14 jinghad li mhux minnu li l-valur tal-gid taghha qieghed jigi sistematikament imcekken u dan ghaliex il-valur tal-kumpannija huwa dikjarat b`mod preciz u fil-fatt zdied fis-sentejn ta` wara r-rizenja tar-rikorrenti u huwa nkoncepibbli li r-rikorrenti qed titlob ix-xoljiment ta` kumpannija li qed tigi amministrata b`tant dedikazzjoni.*

*10) Illi fir-rigward ta` paragrafu 15 jinghad illi l-kumpannija bniet relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom u dejjem issodisfat l-obbligi kollha, b`dan illi d-dejn qieghed dejjem jonqos b`mod regolari u l-uniku riskju li ghandha l-kumpannija hu li ssir hsara kbira lir-reputazzjoni taghha bl-agir malizzjuz tar-rikorrenti li bihom trid li timpedixxi li l-kumpannija tikkonduci l-operat taghha b`mod normali.*

*11) Illi fir-rigward ta` paragrafu 16 ghal darb` ohra jigi ribadit illi l-kumpannija ghandha relazzjoni eccellenti mal-banek li tahdem maghhom, u ma hemm ebda riskju illi dawn imexxu ghall-hlas tad-dejn dovut, specjalment meta wiehed iqis illi s-self bankarju ser jinqata fl-4 snin li gejjin.*

*12) Illi fir-rigward ta` paragrafu numru 17 jinghad li din ukoll hija dikjarazzjoni kompletament falza u dan ghaliex l-esponenti ma spustjat ebda negozju favur ebda kumpannija ohra, u ghadha filfatt izzomm id-ditti kollha li kellha. Anzi, addirittura l-esponenti qeghda issa tirrapprezenta numru akbar ta` ditti u ziedet ukoll il-bejgh taghha sforz l-ghaqal fit-tmexxija tal-azzjonisti u diretturi prezenti, minkejja kull tentattiv fieragh da parti tar-rikorrenti sabiex twaqqaf u tkisser kompletament l-operat tal-kumpannija.*

*13) Illi dawn il-fatti ser jigu kkonfermati u elaborati fil-mument opportun fil-kors ta din il-kawza.*

*14) Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-intimat qed jikkontesta bil-qawwa kollha dak kollu allegat mir-rikorrenti ghaliex hi stess taf ben tajjeb kif kienet titmexxa din is-socjeta`, ta` min jghid li fi kwalunkwe kaz anke jekk jigi (li ma jistax jigi) ppruvat dak li qed tghid hi, certament din mhi prova xejn li timmerita talba ghax-xoljiment tal-kumpannija meta qeghda fi stat tant tajjeb u meta hemm intendiment perfett bejn il-membri taghha fuq kif ghandha tibqa titmexxa l-kumpannija esponenti.*

*15) Illi t-talba tar-rikorrenti ghax-xoljiment tal-kumpannija esponenti minnha stess turi xinhi l-intenzjoni tar-rikorrenti ghaliex certament li dan ix-xoljiment ikun ta` detriment ghal kulhadd* ***specjalment ghaliha****.*

*16) Illi wkoll ghar-ragunijiet kollha premessi, it-tieni talba (b) tar-rikors odjern, hija talba superfluwa u insostenibbli hekk kif l-esponenti Cleland and Souchet Ltd diga` tiddokumenta x-xiri, l-bejgh u l-istock taghha filwaqt li r-restrizzjoni permezz ta` xi att li tnaqqas is-sehem ta` nofs l-ishma fil-kumpannija tal-konjugi Galea Souchet tista` tikkawza pregudizzju serju lill-kumpannija ghaliex tista` ttellef opportunitajiet importanti lill-kumpannija sabiex tkompli tikber u tikkapitalizza minn zviluppi godda li jistghu jinholqu, u ghalhekk ghandhom ukoll jigu michuda.*

*17) Illi fir-rigward tat-talba sabiex jitnehhew l-awdituri tal-kumpannija jinghad illi l-awdituri prezenti dejjem ghamlu xogholhom b`reqqa u bi professjonalita` kbira, huma ditta stabbilita u jgawdu rispett ta` hafna klijenti u professjonisti ohrajn, u fil-fatt jipprovdu s-servizzi taghhom lil hafna socjetajiet kbar f`Malta u huma r-rapprezentanti lokali ta` wiehed mill-akbar sitt ditti ta` awdituri fid-dinja u ghalhekk din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.*

*18) Illi ghaldaqstant, it-talbiet attriċi ghandhom jigu michuda in toto stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*19) Salv risposti ulterjuri.*

*20) Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` ntimata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Marzu 2016 fejn *inter alia* kienet trattata l-ewwel eccezzjoni preliminari li pprezenta kull wiehed mill-intimati hlief ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-istess udjenza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-senetenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati hlief ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

Il-provi dwar l-eccezzjoni kienu jikkonsistu minn verbal li ghamlu l-partijiet fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2016 fejn **qablu** :-

1) Illi r-rikorrenti u l-intimat Jean Galea Souchet izzewgu fis-27 ta` Mejju 2000 ;

2) Illi l-istess partijiet izzewgu Malta ;

3) Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom qatt ma giet eskluza ;

4) Illi s-socjeta` ntimata giet registrata qabel iz-zwieg taghhom senjatament fil-11 ta` Awissu 1999 ;

5) Illi fid-data tar-registrazzjoni tas-socjeta` l-uniku azzjonista fost l-imsemmija konjugi Galea Souchet kien l-intimat Jean Galea Souchet li kellu 250 sehem allura nofs l-ishma mahruga ;

6) Illi fil-kors taz-zwieg tal-kontendenti konjugi Galea Souchet inhargu u gew sottoskritti numru ta` shares ohra fuq l-intimat Jean Galea Souchet biss.

Riferibbilment ghall-paragrafu 6 *supra* mhux kontestati l-figuri tal-ishma tas-socjeta` ntimata kif dettaljati fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur.

## III. Konsiderazzjonijiet

### 1. L-eccezzjoni

L-eccezzjoni preliminari li qeghda tkun deciza llum hija eccezzjoni preliminari identika li l-intimati Cleland & Souchet Limited, konjugi Cleland u Jean Galea Souchet ipprezentaw individwalment. Taqra hekk :-

*Illi preliminarjament, ir-rikorrenti m`ghandiex il-locus standi necessarju fl-azzjoni proposta stante li r-rimedju kontemplat fl-Artikolu 402 hu moghti biss lill-membru ta` kumpannija u r-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala "membru"` tas-socjeta` Cleland and Souchet ai termini tal-Arikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement mhijiex intitolata tippromwovi din l-azzjoni skont l-istess Artikolu.*

### 2. Dritt

Il-Qorti sejra taghmel riferenza fit-test bl-Ingliz ghal dawk id-disposizzjonijiet tal-Kap 386 illi fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini tad-decizjoni tal-lum. Sejra ticita t-test tal-ligi bl-Ingliz unikament ghall-fini komparattiv propju ghaliex `il quddiem sejra tirreferi ghal-ligi u l-gurisprudenza Ingliza.

Ir-rikorrenti ntavolaw l-azzjoni taghhom abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386 illi fl-ewwel subartikolu jghid illi *any member of the company who complains …*

***"Member"* huwa definit fl-ewwel subartikolu tal-Art 2 tal-Kap 386 fis-sens illi "*except where otherwise specifically defined, means a shareholder of a company and a partner in any other commercial partnership.*"**

**Fl-istess subartikolu, "*shareholder*" huwa definit bhala "*a person entered in the register of members of a company pursuant to article 123 or the bona fide holder of a share warrant referred to in article 121*"**

**Ghall-fini tal-Art 402, il-legislatur Malti ried iwessa\` t-tifsira ta\` "*member*" ghall-fini ta\` dik id-disposizzjoni billi fis-subartikolu (6) qal illi "*member*" includes *includes a person entitled at law to represent the interests of a deceased member, a person to whom shares in the company have lawfully devolved by way of testate or intestate succession, and a trustee, as defined in article 127, who holds shares in the company.***

L-intimati fuq riferiti qeghdin jikkontendu li r-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala "*member*" u ghalhekk hija prekluza milli tressaq azzjoni skont l-Art 402. Min-naha taghha, ir-rikorrent tghid li ghandha *locus standi* ghaliex ghajr ghal 250 sehem, li huma parafernali tal-intimat zewgha, hija s-sid tan-nofs tal-bqija tal-ishma tas-socjeta\` ntimata li huma registrata fl-isem ta\` zewgha, billi dawk l-ishma jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghha ma\` zewgha.

Fis-sentenza taghha tad-9 ta\` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella vs Vella Brothers Limited et**", il-Qorti tal-Appell qalet espressament illi l-Art 402 kien imfassal fuq l-Art 459 tal-Companies Act Ingliza tal-1985. Issa l-Art 459 thassar bl-Art994 tal-Companies Act Ingliza tal-2006. Pero\` d-disposizzjoni baqghet l-istess. Din il-Qorti sejra tirriproduci l-Art 402 taghna u l-Art 994 tal-ligi Ingliza ghal finijiet komparattivi.

**L-Art 402** jaqra hekk –

*(1) Any member of a company who complains that the affairs of the company have been or are being or are likely to be conducted in a manner that is, or that any act or omission of the company have been or are or are likely to be, oppressive, unfairly discriminatory against, or unfairly prejudicial, to a member or members or in a manner that is contrary to the interests of the members as a whole, may make an application to the court for an order under this article.*

*(2) Where the Registrar has received a report on a company under article 410 and it appears to him that the company's affairs are being or have*

*been conducted in a manner falling within the meaning of subarticle (1), he may make an application to the court for the issue of an order under this article.*

*(3) If on an application made in terms of subarticle (1) or (2), the court is of the opinion that the complaint is well-founded and that it is just and equitable to do so, the court may make such order under such terms as it thinks fit –*

*(a) regulating the conduct of the company's affairs in the future ; or*

*(b) restricting or forbidding the carrying out of any proposed act ; or*

*(c) requiring the company to do an act which the applicant has complained it has omitted to do ; or*

*(d) providing for the purchase of the shares of any members of the company by other members of the company or by the company itself and, in the case of a purchase by the company, for the reduction accordingly of the company's issued share capital ; or*

*(e) directing the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings, or authorising a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company ; or*

*(f) providing for the payment of compensation by such person as may have been found by the court responsible for loss or damage suffered as a result of the act or omission complained of, to the person suffering the said loss or damage ; or*

*(g) dissolving the company and providing for its consequential winding up.*

*(4) When an order is made for the dissolution of a company in terms of subarticle (3)(g), the company shall be deemed to have been dissolved on the date when the order is made and the provisions of Sub-Titles I and III of Title II of Part V of this Act regulating the winding up of companies shall apply.*

*(5) An order made under this article may require a company not to make any amendment, or to make such amendment as may be required, in its memorandum or articles.*

*(6) In this article, the term "member" includes a person entitled at law to represent the interests of a deceased member, a person to whom shares*

*in the company have lawfully devolved by way of testate or intestate succession, and a trustee, as defined in article 127, who holds shares in the company.*

L-**Art 994 tal-Companies Act Ingliza tal-2006** jaqra hekk –

*1) A member of a company may apply to the court by petition for an order under this Part on the ground—*

*(a) that the company's affairs are being or have been conducted in a manner that is unfairly prejudicial to the interests of members generally or of some part of its members (including at least himself) , or*

*(b) that an actual or proposed act or omission of the company (including an act or omission on its behalf) is or would be so prejudicial.*

*(2) The provisions of this Part apply to a person who is not a member of a company but to whom shares in the company have been transferred or transmitted by operation of law as they apply to a member of a company.*

*(3) In this section, and so far as applicable for the purposes of this section in the other provisions of this Part, "company" means—*

*(a) a company within the meaning of this Act, or*

*(b) a company that is not such a company but is a statutory water company within the meaning of the Statutory Water Companies Act 1991.*

Ghall-fini ta\` kompletezza ta\` analizi, trid issir riferenza ukoll ghall-**Art 112 tal-Companies Act Ingliza tal-2006** li jaghti tifsira ta\` "*member*". Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) The subscribers of a company's memorandum are deemed to have agreed to become members of the company, and on its registration become members and must be entered as such in its register of members.*

*(2) Every other person who agrees to become a member of a company, and whose name is entered in its register of members, is a member of the company.*

## 3. **Dottrina**

Qabel ma tesprimi ruhha dwar il-mertu tal-eccezzjoni, il-Qorti sejra, **ghall-fini ta` kompletezza**, tirreferi wkoll ghal kif id-dottrina Maltija u dik Ingliza, **b`mod generali**, ittrattaw il-kwistjoni ta` min ghandu jedd jittenta l-azzjoni skont l-Art 402 (fil-kuntest Malti) u skont l-Art 994 (fil-kuntest Ingliz).

In kwantu ghad-dottrina Maltija, **Andrew Muscat** fil-"***Principles of Company Law***" (MUP) Pg 962 et seq ighid hekk –

*The requirement for a "member" to have been entered into the register of members can well prove to be a stumbling block to the successful exercise of the action …*

*Art 402(6) does not however cater for the situation where shares have been transferred or transmitted by operation of law other than by intestate succession. Thus, for example, in the case of a division of a company, if shares held by the company to be divided are allocated to a particular recipient company, that recipient company will need to be registered in the register of members of the company in which the shares are held if such recipient company is to have locus standi to file an action under article 402.*

In kwantu ghad-dottrina Ingliza, **Mayson, French & Ryan** fil-ktieb taghhom **"*Company Law*"** (26th Edition – OUP) Pg 565 ighidu hekk –

*Under CA 2006, s. 994(1) a petition for relief of unfairly prejudicial conduct of a company`s affairs may be presented by a member of the company …*

*A person to whom shares in a company have been transferred or have been transmitted by operation of law but who is not a member of the company (because of not being on the register of members) is treated as a member for the purposes of CA 2006 s.994(1) and reference to a members or members must be construed accordingly [s 994(2)].*

*The word "transferred" in s 994(2) requires at least that a proper instrument of transfer should have been executed and delivered to the transferee or the company in respect of shares in question. It is not sufficient that there is an agreement for transfer (Re c Comnpany (No 003160 of 1986) [1986] BCLC391 ; Re Quickdome Ltd (1988) BCLC 370).*

*The phrase "transmitted by operation of law" in s 994(2) refers to a legal process by which the legal title passes and does not cover the creation of an equitable interest for example under a trust (Re a Company (No 007828 of 1985) (1985) 2 BCC 98,951).*

*A nominee shareholder, holding shares as a bare trustee, may petition under s 994 because the interests of such a shareholder include the economic and contractual interests of the beneficial owners of the shares (Atlasview Ltd vs Brightview Ltd (2004) EWHC 1056 (Ch) (2004) 2 BCLC 191.*

Tal-istess fehma huma **Gower and Davies** fil–"***Principles of Modern Company Law***" (Eight Edition – Sweet & Maxwell) Pg 682 u Sealy fil-***Cases and Materials in Company Law*** (Ninth Edition – OUP) Pg. 651-652.

## 4. Risultanzi

Ghall-fini tal-azzjoni tal-lum, kif promossa mir-rikorrenti, il-*locus standi* ta` r-rikorrenti ma jistax jigi determinat biss abbazi tat-tifsira ta` *member* li tirrizulta fl-Art 2(1) tal-Kap 386 (*except where otherwise specifically defined, means a shareholder of a company and a partner in any other commercial partnership*) jew abbazi tat-tifsira ta` *shareholder* fl-istess Art 2(1) tal-Kap 386 (*means a person entered in the register of members of a company pursuant to article 123 or the bona fide holder of a share warrant referred to in article 121*) jew abbazi tat-tifsira ta` *member* skont l-Art 402(6) tal-Kap 386 (*includes a person entitled at law to represent the interests of a deceased member, a person to whom shares in the company have lawfully devolved by way of testate or intestate succession, and a trustee, as defined in article 127, who holds shares in the company*).

Fis-sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jaghmlu l-argument illi bl-*includes* fl-Art 402(6) il-legislatur kellux il-hsieb illi jestendi berah it-tifsira ta` *member* izda ried pjuttost illi ghall-iskop ta` kawza skont l-Art 402, il-persuni li jikkwalifikaw biex jippromwovu l-azzjoni ghandhom ikunu dawk biss li ssemmew fil-paragrafu precedenti, li allura jfisser – skond l-intimati - illi dik l-*includes* fis-subartikolu (6) ghandha tittraduci ruhha biss f`estensjoni tat-tifsira ta` *member* u *shareholder* skont l-Art 2(1).

Wara li kkunsidrat din is-sottomissjoni tal-intimati, din il-Qorti tesprimi ruhha fis-sens illi ghall-iskop tal-azzjoni skont l-Art 402, bl-*includes* fis-subartikolu (6), il-legislatur ried jestendi d-dritt ta` azzjoni ghall-persuni ndikati fis-subartikolu (6) b`zieda ma` dawk li jikkwalifikaw fit-tifsira ta` *member* u *shareholder* skont l-Art 2(1). L-uzu tal-frazi *includes* minflok il-frazi *means* ma kenitx mahsubaa sabiex tiftah il-bieb berah ghal kulhadd illi jittenta l-azzjoni skont l-Art 402 fuq il-pretest illi l-frazi *includes* ma taghtix l-idea ta` "*an exhaustive provision of law*". Fl-istess waqt, din il-Qorti tkompli tghid illi ma jistghux jigu eskluzi milli jressqu l-azzjoni persuni li ghandhom jedd, u m`ghandux ikun permess illi li, b`interpretazzjoni restrittiva u stretta, ta` *member* u ta` *shareholder,* skont kif fuq inghad, dawk il-persuni li ghandhom jedd jigu prekluzi milli jmexxu bl-azzjoni.

Il-Qorti tkompli tesprimi r-*ratio* taghha kif gej. Il-Qorti tghid ma kienx il-hsieb tal-legislatur li jeskludi mill-azzjoni skont l-Art 402 persuna, bhar-rikorrenti, li tigi l-mara ta` *member* u *shareholder*, ghar-rigward ta` ishma ta` kumpannija, li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif huwa l-kaz tal-lum. Fil-kuntest tal-kawza tal-lum, u tenut kont tad-disposizzjonijiet ta` dritt u tad-dottrina li ghalihom saret riferenza aktar kmieni, tajjeb jinghad illi punt ta` sostanza li jaghzel id-dritt Malti minn dak Ingliz huwa r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti fis-sens illi fid-dritt Ingliz ma hemmx istitut bhal dak tal-komunjoni tal-akkwisti illi fid-dritt Malti huwa l-pern tar-relazzjonijiet patrimonjali bejn il-konjugi fiz-zwieg. Ghall-fini tal-kwistjoni mertu ta` dan il-provvediment, il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb il-komunjoni tal-akkwisti, bhal donnu dak l-istitut m`ghandux ighodd jew m`ghandux ikollu rilevanza ghall-iskop tal-Kap 386 li huwa s-sies tad-dritt socjetarju Malti.

Del resto lanqas il-legislatur ma ried li jigri hekk. Infatti skont **l-Art 123(2) tal-Kap 386** – *Where two or more persons hold one or more shares in a company jointly, they shall, for the purposes of this Act, be treated as a single member ; and, unless otherwise provided in the memorandum or articles, the name of only one of such persons shall be entered in the register of members. Such person shall be elected by the joint holders and shall for all intents and purposes be deemed vis-à-vis the company to be the member of the company in respect of all the shares so held.* Din il-Qorti tqis illi din id-disposizzjoni tghodd ghall-konjugi fejn wahda minnhom tkun registrata bhala azzjonista. Mhux kontestat fil-kaz tal-lum illi l-intimat Jean Galea Souchet ghandu registrati f`ismu ishma fl-ammont ta` 42,932 fis-socjeta` ntimata Cleland & Souchet Limited. Lanqas ma huwa kontestat illi 250 minn dawn l-ishma huma propjeta` parafernali tal-istess Jean Galea Souchet. U daqstant iehor mhuwiex kontestat illi l-bqija tal-ishma registrati fl-isem ta` Jean Galea Souchet huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn ir-rikorrenti u

zewgha Jean Galea Souchet, u allura nofshom huma propjeta` taghha. Del resto l-**Art 1320(d) tal-Kap 16** ighid illi fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu *kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti wkoll jekk l-akkwist ta` dawk il-beni ikun sar f`isem parti wahda mill-mizzewgin.* Ladarba l-ishma jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, huma jappartjenu lill-konjugi Galea Souchet *jointly* u ghalhekk ghall-fini tal-Kap 386 jitqiesu bhala entita` wahda. Ghalhekk ir-rikorrent ghandha titqies diga` bhala *member ope legis*. Certament ghall-fini tal-Art 402, ir-rikorrenti m`ghandhiex ghalfejn tkun inserita fir-registru tal-membri ta` Cleland & Souchet Limited sabiex tmexxi bl-azzjoni.

Il-Qorti mhijiex tikkondividi t-tifsira ta` *member* li qeghdin jaghtu l-intimati. *De lege condenda* dak previst fil-Kap 16 ghall-komunjoni tal-akkwisti jghodd ghall-Kap 386. Tifsira restrittiva, bhal ma qeghdin jaghtu l-intimati, iggib fix-xejn id-drittijiet akkwiziti tal-konjugi fuq il-patrimonju tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata Cleland & Souchet Limited, l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati Richard Andrew u Fabrizia Cleland, u l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Jean Galea Souchet, spejjez ghall-istess intimati, u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**